MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru. 283/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**Reuben Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Reuben Micallef ta' 35 sena, bin Anthony u Maria Teresa (k/a Marthese) nee' Sammut, imwieled San Giljan fit-2 ta' Marzu 1974, u li joqghod f' Numru 168, St. Joseph, Triq San Giljan, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 134274(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ Marzu 2009, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

Appropja ruhu, billi dawru bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-koppja Alan David Huntley u Sylvia Winifred Huntley, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjes li kellhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta’ Lulju 2009 (esebita a fol. 289 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;
a. fl-artikoli 293, 294, 310(1) (a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
b. fl-artikoli 17,18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta’ Lulju 2009 meta nqrat in-nota tal-Artikoli l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda misapproprijazzjoni ta’ fondi mghoddija lill-imputat fil-kwalita’ tieghu ta’ avukat minn Sylvia u Alan konjugi Huntley sabiex huwa jintavola proceduri civili fil-konfronti ta’ terzi. Mill-provi rrizulta li l-konjugi Huntley kienu inkarigaw lill-imputat sabiex jintavola proceduri civili fil-konfronti tal-kuntrattur Joseph Oliver Ruggier minghand min huma kienu xtraw propjeta’ f’Hal-Balzan u fil-konfronti tal-estate agents Dhalia li kienu l-agenti nvoluti fil-bejgh tal-imsemmija propjeta. Mill-provi rrizulta li minn Gunju 2005 sa Dicembru 2008 il-konjugi Huntley trasferew  €70,000 lill-imputat sabiex huwa jintavola dawn il-proceduri gudizzjarji fil-konfronti tal-imsemmija persuni u jiehu hsieb xi affarijiet ohra bhal l-assikurazzjoni tal-common areas tal-propjeta’ u l-kostituzzjoni ta’ Owners Association. Il-parti lesa Sylvia Huntley xehdet li l-imputat kien informa lilha u lil zewgha li z-zewg kawzi li huwa kien intavola ghan-nom taghhom fil-konfronti tal-kuntrattur u tal-estate agents kienu intrebhu u huwa kien wasal fi ftehim bonarju kemm mal-kuntrattur (Joseph Oliver Ruggier) fejn dan kien accetta li jhallashom is-somma ta’ €20,435 kif ukoll mal-estate agents (Dhalia Real Estate) fejn dawn kellhom ihallsuhom is-somma ta’ €60,000 u fejn il-kuntrattur u l-estate agents kienu accettaw lli l-pagamenti imsemmija isiru sal-ahhar tas-sena 2008. Meta l-konjugi Huntley baqghu ma rcevewx dawn l-ammonti li l-imputat kien qalilhom li wasal fi ftehim dwarhom ghan-nom taghhom u huma bdew jistaqsuh dwar dawn il-pagamenti huwa beda’ jgib varji skuzi ‘il ghala dawn il-pagamenti kienu ghadhom ma gewx effetwati u darba minnhom sahansitra qalilhom li l-flus kienu inghataw lil xi brokers bl-isem ta Camilleri and Camilleri u meta huma marru fl-indirizz lilhom moghti mill-imputat sabu biss bini fi stat ta’ kostruzzjoni. Il-konjugi Huntley f’dan l-istadju ghamlu rapport lil Pulizija u meta l-Pulizija indagat kemm mad-Dhalia kif ukoll mal-kuntrattur u ghamlet ricerki dwar il-kawzi li suppost kienu gew intavolati u li skond l-imputat gew decizi favur il-konjugi

Huntley irrizulta li dawn il-kawzi fil-fatt qatt ma gew intavolati u l-anqas qatt ma sar xi ftehim bonarju bejn il-kuntrattur u l-estate agent min-naha l-wahda u l-imputat ghan-nom tal-konjugi Huntley min-naha l-ohra. Mill-provi, u senjatament mid-dokumenti esebiti a fol. 58 sa 62 tal-process jirrizulta li l-kopja Huntley kienet trasferiet is-somma ta’ €70, 000 lill-imputat u jirrizulta wkoll li dawn il-flus gew ricevuti mill-istess imputat.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 79 sa 80 tal-process) fejn huwa ikkonferma li kien ircieva l-imsemmija ammonti minghand il-konjugi Huntley u kkonferma wkoll li huwa qatt ma kien intavola proceduri la fil-konfronti tal-kuntrattur Joseph Oliver Ruggier u l-anqas fl-konfronti tal-estate agents u qal wkoll li huwa qatt ma kien wasal f’xi out of court settlement ghan-nom tal-konjugi Huntley mal-imsemmija kuntrattur u estate agents. L-imputat stqarr li kien ghamel xi xoghol fuq il-Memorandum tal-Owners Association.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami bir-reqqa tal-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull ombra ta’ dubju li l-imputat Reuben Micallef kien ircieva s-somma ta’ €70,000 minghand il-konjugi Huntley sabiex huwa jintavola proceduri gudizzjarji kontra Joseph Oliver Ruggier u kontra Dhalia Real estate, irrizulta wkoll li huwa kien informa lill-konjugi Huntley li kien intavola dawn il-proceduri u sussegwentement qalilhom li dawn il-proceduri kienu gew decizi favur taghhom, irrizulta wkoll li fil-fatt dawn il-proceduri qatt ma gew intavolati, ahseb u ara kemm dawn gew decizi, u rrizulta wkoll li qatt ma ntlahaq ebda forma ta’ ftehim bejn l-imputat ghan-nom tal-konjugi Huntley min-naha l-wahda u l-kuntrattur u/jew l-estate agents min-naha l-ohra. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat tirrizulta pruvata lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-istess akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta kif ukoll tal-fatt li sa minn qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri, precizament dakinhar stess li l-imputat gie mressaq b’arrest il-Qorti bl-akkuzi odjerni, huwa kien hallas lura lill-konjugi Huntley l-ammont minnu misapproprijat. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li fl-udjenza tal-24 ta’ Marzu 2009 gie dikjarat li l-parti civili ma kellhom ebda pretensjoni kontra l-imputat wara li huma thallsu lura l-ammonti li huma kienu ghaddew lill-imputat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li m’huwiex il-kaz li timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-20 ta’ Lulju 2009 u senjatament l-Artikoli 293, 294, 310(1)(a), 17 u 18 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

Il-Qorti inoltre tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ sitt mija u hamsa u hamsin ewro u tlettax-il ewro centezmu (€655.13) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------